MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-18 ta' April, 2011

Rikors Numru. 40/2010

**Joseph Schembri c/o Dennis Borg**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ta' Dennis Borgipprezentat fis-27 ta' Ottubru 2010 permezz ta' liema jitlob lil dan it-Tribunal ihassar u jirrevoka l-kont bin-Numru IVO43056 u jiddikjara li l-istess Dennis Borg ma huwiex responsabbli ghall-hlas tat-taxxa addizzjonali/penali hemm mitluba;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jeccepixxi li: (a) ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, il-persuna li tittrasferixxi u dik li takkwista huma responsabbli *in solidum* ghall-hlas tat-taxxa dovuta fuq dak it-trasferiment u ghalhekk il-Kummissarju intimat, anke a bazi tal-principji legali civili, jista' jfittex li jitlob il-hlas lura minghand kwalunkwe wiehed

minnhom – fil-kaz in ezami l-Kummissarju intimat innotifika l-pretensjoni tieghu lir-Rikorrenti; (b) bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-ammont pretiz mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni huwa dovut fl-intier tieghu – u ghalhekk jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-Rikorrenti u jikkonferma li l-ammont pretiz minnu huwa dovut;

Sema' x-xhieda ta' Ivan Portelli, rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, waqt is-seduta tat-18 ta' Frar 2011 u rat id-dokument a fol. 4 tal-process li huwa l-kont bin-numru IVO 43056 mertu ta' dawn il-proceduri;

Ra illi waqt is-seduta ta' l-14 ta' Marzu 2011 ir-Rikorrenti ressaq aggravju ulterjuri fis-sens illi t-talba ghall-hlas da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija preskritta a tenur ta' l-Artikoli 52(5), 54 u 55 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ra li hemm qbil bejn il-partijiet kontendenti li dan it-Tribunal jghaddi ghas-sentenza fuq l-aggravju tal-preskrizzjoni qabel ma jigi trattat il-mertu tal-kaz;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra:**

Ir-Rikorrenti jikkontesta t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-hlas tas-somma ta' €3,727 rapprezentanti taxxa addizzjonali/penali *inter alia* ghaliex l-istess talba hija preskritta a tenur ta' l-Artikoli 52(5), 54 u 55 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 52(5) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *salvi d-disposizzjonijiet l-ohra ta' dan l-artikolu, il-Kummissarju jista' jaghmel stima skond kif hemm provdut f'dan l-artikolu f'kull zmien, fi zmien sena mill-jum li fih il-Kummissarju jkun ircieva l-avviz imsemmi fl-artikolu 51: Izda fil-kaz ta' avviz dwar dikjarazzjoni ta' trasferiment causa mortis dik l-istima ghandha ssir fi zmien erba' snin minn meta dak l-avviz ikun gie ricevut.*

L-Artikoli 54 u 55 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta taht it-Taqsima V ta' l-Att dwar Stimi, Oggezzjonijiet, Appelli, rispettivament jipprovdu li *l-Kummissarju ghandu jara li jigi notifikat lill-persuna li jkollha thallas it-taxxa, jew lir-rapprezentanti legali ta' dik il-persuna, avviz li juri l-ammont ta' taxxa li ghandha tithallas skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, u li juri id-drittijiet taghha taht l-Artikolu 56* u li *likwidazzjoni ghandha ghall-finijiet kollha ta' dan l-Att titqies li saret mill-Kummissarju fid-data tan-notifika ta' l-imsemmi avviz*.

Minn dawn id-disposizzjonijiet tal-Ligi johrog car li l-ezercizzju tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni biex jistabilixxi t-taxxa u/jew it-taxxa addizzjonali/penali dovuta fuq trasferiment registrat mad-Dipartiment tieghu – liema ezercizzju ai termini ta' l-Artikolu 52(5) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta jista' jsir f'kull zmien fi zmien sena mill-jum li fih huwa jkun ircieva l-avviz imsemmi fl-Artikolu 51 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta – jitqies komplut biss meta l-persuna li ghandha thallas tigi notifikata b'Notifika ta' Likwidazzjoni li turi l-ammont ta' taxxa u/jew taxxa addizzjonali/penali stmati u likwidati bhala dovuti mill-Kumissarju.

B'hekk it-talba ghall-hlas da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni titqies bhala legalment gusta u valida kemm-il darba n-Notifika ta' likwidazzjoni tat-taxxa u/jew taxxa addizzjonali/penali minnu determinati bhala dovuti tigi notifikata lill-persuna li ghandha thallas fi zmien sena minn meta jinghata avviz ta' l-att ta' trasferiment lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni a tenur ta' l-Artikolu 51 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta. Fin-nuqqas tali talba titqies preskritta u konsegwentement mhux enforzabbli fil-konfront tal-persuna li trid thallas.

Mill-atti processwali jirrizulta li t-talba ghall-hlas da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni bil-kont nru. IVO 43056 saret in segwitu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' trasferiment ta' dar u garage f'Hal Tarxien datat 9 ta' Frar 2000. Mir-Rikors promotur jirrizulta li l-kuntratt in kwistjoni gie pubblikat min-Nutar Dottor Charles Vella Zarb fid-9 ta'

Frar 2000 u bis-sahha ta' l-istess ir-Rikorrenti u martu akkwistaw dar bil-garage bl-isem "Fiorita", Triq il-Kurunell Mas, Hal Tarxien – fatt dan mhux kontestat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Mix-xhieda li ta Ivan Portelli in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni waqt is-seduta tat-18 ta' Frar 2011 jirrizulta illi: (a) il-kuntratt in kwistjoni gie registrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fid-**9 ta' Frar 2000**; (b) inharget stima mill-Kummissarju fil-**15 ta' Jannar 2001**; (c) in-Notifika ta' Likwidazzjoni ma gietx notifikata lir-Rikorrenti billi jirrizulta li baqghet ***unclaimed***; izda (d) fis-**27 ta' Dicembru 2002** ir-Rikorrenti oggezzjona ghall-istima tal-Kummissarju.

Meta dawn il-fatti jigu kkunsidrati fid-dawl ta' l-import ta' l-Artikoli 52(5), 54 u 55 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, inekwivokabilment jirrizulta li bhala fatt it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-hlas tas-somma ta' €3,727 bhala taxxa addizjonali/penali hi perenta billi t-terminu ta' sena entro liema setghet ssir l-istima in kwistjoni ai termini tal-precitat Artikolu 52(5) tal-Kap. 364, kjarament ma giex osservat.

Ghaldaqstant l-aggravju ulterjuri sollevat mir-Rikorrenti li t-talba ghall-hlas da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija preskritta a tenur ta' l-Artikoli 52(5), 54 u 55 tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kaz billi jilqa' l-appell tar-Rikorrenti u jannulla l-likwidazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni bil-Kont Numru IVO 43056. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

Ai termini ta' l-Artikolu 58(4) tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li avviz ta' din id-decizjoni, tad-data taghha u ta' dak li effettivament gie deciz jintbaghat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------